SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 51/K9/23**

Data tal-laqgħa: 27 ta' Frar 2023

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli - Sindku
Patricia Camilleri – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
Martin John Sultana - Kunsillier
Rita Dimech Portelli -Kunsilliera
John Agius - Kunsiller

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (1)**

Clayton Luke Mula – Vici Sindku (Inc No. 39729/23)
Victor Vella – Kunsillier (Inc No. 39728/23)
Sean Gauci – Kunsillier (Inc No. 39727/23)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Cher Carmen Fenech – Deputat Segretarju Eżekuttiv
Marthese Grech – Skrivana
Is-Sur Pierre Montebello – Direttur tal-Lands Transport

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba u wara saret minuta silenzju b'rispett għal mara tal-Kunsillier John Agius li ħalliet din id-dinja fil-jiem li għaddew.

**51.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

50.1.01 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula, il-Kunsillier Sean Gauci u Victor Vella talbu li jiġu skużati għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**51.3 Diskussjoni dwar eScotters;**

51.3.01 Saret sospenzjoni tal-Aġenda sabiex item 51.3 jiġi diskuss qabel item 51.2. Iċ-Ċermen ta merħba lis-Sur Pierre Montabello Direttur tal-Land Transport fi hdan Transport Malta biex jiġi diskuss s-suġġett ta' l-e-kick scooters.

51.3.02 Huwa spjega li il-liġi ta' l-e-scooters ħarġet f'Diċembru ta' l-2019 bit-titlu Subsidiary Legislation 499.67 – Micromobility Regulations (ara kopja mehmuza).

51.3.03 Fost diversi regoli dwar l-e scooters hemm dawk rigward l-veloċita' fejn trid tkun fuq l-istess livell ta' pajjiżi oħra, b'veloċita' massima ta' 20km fis-siegħa u fuq bankini u promenades iridu jinstaqu b'veloċita ta' 10km fis-siegħa. Huwa kontra l-liġi li jkun hemm żewġ persuni fuq l-escooters. Suppost li jkollhom dawl quddiem kif ukoll wara u li bil-lejl trid tintlibes il-'vest'.

51.3.04 F'Malta hawn erbgħa kumpaniji ta' l-escooters, bi tnejn minnhom maġġuri. Biex jinstaqu, wieħed suppost għandu jirreġistra ma' Transport Malta u jgibu l-'engineers report'.

51.3.05 Iċ-Ċermen staqsa jekk jezistux sinjali tat-toroq dwar dawn l-escooters. Is-Sur Montebello wieġeb li dawn għad iridu jiġu regolati u ser ikun qed jiddiskuti dan mas-Sur Michael Cohen biex jitħaffef il-proċess biex ikunu jistgħu jitweħħlu minnhom.

51.3.06 Biex ikunu jista' jiġu rregolati l-użu u l-parkeġġ ta' dawn l-escooters fil-lokalita' ta' San Ġiljan ser tkun qed issir laqgħa ma' Transport Malta u l-kumpanija Bolt li hija meqjusa bħala l-kumpanija l-iktar rinomata f'dan il-qasam. Id-Direttur saħħaq fuq il-punt biex il-postijiet ta' parkeġġ għal dawn l-escooters ma jkunux il-bogħod minn xulxin.

51.3.07 Is-Sur Montebello temm id-diskusjoni għal ħabta ta' 5.45p.m. Iċ-Ċermen irringrazzjak li laqa' t-talba tagħna u attenda għal-laqgħa.

**51.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

51.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 50/K9/23 għall-approvazzjoni.

51.2.02 Il-Kunsiller Martin Sultana talab li ssir korrezzjoni ta' 50.4.01 dwar it-traffic lights fejn jitniżżel ukoll l-kliem li kien ġie diskuss ukoll is-sinjali tat-toroq u mera li għandhom isiru fi Triq Mikelanġ Borg qabel tidħol San Gwann jew int u ħiereġ lejn San Giljan.

51.2.03 Il-Kunsillier John Agius issugerixxa biex fl-aħħar paragrafu ta' pagna numru 2 (50.4.01) jiġi rraġat l-isem Banis fl-isem propja tas-Sur Julian Muscat li huwa is-sid tal-ħanut Happy Dayz.

51.2.04 Wara li saru dawn il-korrezzjonijiet, Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

51.2.05 Il-Kunsillier Martin John Sultana ssekondahom.

51.2.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

**51.5 Kommunizzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

- Il-ftehim li l-Kunsill kellu ma' The Notebook Centre. Huwa ssuġġerixxa biex dan ma jiġġeddidx aktar għax fiż-żmien preċedent kien intalab rapport ta' kemm residenti jmorru għas-servizz imma dan qatt ma wasal. Għaldaqstant ġie deċiż li dan ma jerġax jiġġeded.

- Il-barriers li kienu ġew installati f'Xatt is-Sajjieda - dawn saritilhom ħafna ħsara kemm bil-baħar kif ukoll bil-maltemp u biex jissewwew l-ispiża tilħaq madwar €2,000. Huwa qal li wasal iż-żmien biex dawn jitneħħew u ssir laqgħa mas-sajjieda kollha inkluż dawk id-dilettanti u li għandhom il-*boat houses*. Dawn għandhom jipprovdu n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura lill-Kunsill biex umbagħad ngħadduhom lil LESA biex ikollhom aċċess ta' siegħa u nofs kuljum. Il-Kunsillier Martin Sultana issuġerixxa biex niltaqgħu mal-LESA u nidduskutu dan is-suġġett.

- Ix-xogħol li qed isir ma' l-arkati f'Xatt is-Sajjieda - bħalissa x-xogħol huwa wieqaf minħabba li hemm bżonn ukoll tiswijiet mas-soqfa tal-kmamar minħabba sigurta' imma s-sidien gergru għax għandhom ħafna materjal li ma għandhomx fejn jagħmluh. Fuq nota oħra f'Xatt is-Sajjieda hemm ukoll problema bid-dwal li qed jieħdu ħsiebha l-MSD b'komunikazzjoni ma' l-Enemalta.

- Il-laqgħa li kellu ma' l-istaff – l-istaff wieħed wieħed ser ikunu qed jattendu għal kors tal-customer care. Minn meta saret din il-laqgha ma' l-istess ħaddiema sallum jidhru li fehmu is-sitwazzjoni u hemm progress. Fir-rigward l-impjegata li bħalissa tinsab fuq 'career break', iċ-Ċermen spjega li għamel kuntatt magħha u li din qaltlu li sa Ġunju bil-leave kif applikat hi stess. Hija għamlet kuntatt mal-Kunsillier Martin Sultana u qalet li qed tistenna risposta mingħand iċ-Ċermen. Ġie diskuss ukoll li l-Kunsill jimpjega persuna ohra minħabba ammont kbir ta' xogħol li hemm fil-Kunsill. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet il-performance bonus ta' l-istaff għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillier Martin Sultana staqsa jekk il-performance bonus hux ser ikun qiegħed jaffetwa wkoll il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill. Wara diskussjoni, ċ-Ċermen talab li jgħaddi għal vot minħabba li ma kienx hemm qbil minn tlett Kunsilliera. Il-vot kien kif ġej: iċ-Ċermen Guido Dalli u l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli qablu li jagħtu l-massimu tal-*performance bonus* li huwa ta' 6%. Filwaqt li l-Kunsilliera Martin Sultana, Adrian Dominic Ellul u Partricia Camilleri astjenew milli l-ħaddiema jingħataw l-full performance bonus. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qalet li trid bil-miktub ir-raġuni il-għala ma jaqblux u li jinġħataw il-provi u apparti dan sostniet li bil-liġi trid tagħtihom mill-inqas 3% tal-performance bonus.

- Ġnien Saver Zarb – it-tender jidher li kien diżastru għax f'sena ma sar l-ebda progress. Għaldaqstant iċ-Ċermen issuġġerixxa li t-tender preżenti jieqaf u jinħareġ ieħor.

- Ġnien Spinola – kellu laqgħa ma' l-Malta Tourism Authority fir-rigward dan il-ġnien u kif saru jafu li hemm il-fondi xtaqu għajnuna min-naħa tal-Kunsill. Għaldaqstant ser tkun qed issir laqgħa nhar l-10 ta' Marzu 2023 fl-10 ta' filgħodu ma' l-Urban Development Fund (UDF) dwar kif ser ikunu qed jintefqu l-flus.

- St Patrick's Day– infetħu l-applikazzjonijiet u inġabu wkoll l-kwotazzjonjiet għat-tindif, mobile toilets, fire engines u ambulanzi, użu ta' uffiċjali tal-LESA sabiex tingħalaq t-triq u użu ta' Pulizija fost oħrajn u s'issa jidher li ammont ħa jilħaq

madwar €20,000. Iċ-Ċermen tkellem mal-Malta Tourism Authority biex tkun tista' tgħina finanzjament.

- Triq Josef Calleja – it-triq li tagħti għas-Swieqi minn Triq Josef Calleja nstab li l-art hija tal-Gvern. Għaldaqstant is-sid ingħata ordni biex flok taraġ issir triq kif kienet oriġinarjament.

- Bankini li ser ikunu iffinanzjati mill-Infrastructure Malta – Triq Charles Sciberras, Sqaq is-Sigra, biċċa minn Triq Henry Calleja, Triq Goerge P. Badger u minn fejn il-monument tal-Love sa City of London (in-naħa fejn joqogħdu r-residenti).

- Huwa spjega li kien preżenti fil-bord għal-votazzjoni tal-Planning Authority dwar il-proġett li ser issir ta' 33 sular fejn hu ivvota kontra u spjega li vvota kontra biex ikompli l-kontinwita li nivitaw kontra dawn it-torrijiet għoljin li qed jinbnew ġo San Ġiljan bħal ma vvutajna kontra proġetti oħra simili.

- Fir-rigward il-proġett ta' The Palms, ser tkun qed issir laqgħa mal-perit tal-proġett biex itina spjegazzjoni x'ser isir eżatt.

- Dekasteri tal-Kunsilliera – ġiet mqassma l-lista tad-dekasteri tal-Kunsilliera (Ara kopja mehmuza) minħabba li kien hemm xi tibdil żgħir minħabba il-Kunsillier il-ġdid Victor Vella.

**51.6 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

51.6.01 Il-Kunsillier John Agius qal li l-ispiżerija ta' Ta' Ġiorni mhux ser terġa ssir minħabba li l-bini huwa ikkundanat. Il-Kunsillier John Agius ġie skużat fis-6.00p.m.

51.6.02 Il-Kunsillier Adrian Dominic Ellul staqsa dwar l-attivita sportive li kellha issir viċin il-Festa ta' San Ġiljan. Iċ-Ċermen irrisponda li għal din l-attivita' ser tkun organizzata ġurnata sportiva pero meta jasal iż-żmien ser ikunu qed isiru laqgħat u nidħlu aktar fid-dettal x ser isir waqt l-attivita'.

51.6.03 Il-Kunsillier Martin Sultana qajjem il-punt li fi Triq Charles Sciberras waqa' xi ħajt ta' xi razzett li jifred Triq Patrick Brydon fi tnejn minħabba l-maltemp u qiegħed ta' periklu għal kulħadd. Ġie issuġġerit biex tintbagħat ittra lis-sid. Ġibed ukoll l-attenzjoni fuq il-breakwater fejn il-Banis biex niktbu lil Malta Tourism Authority (MTA) biex isiru 'water breakers' ħalli nipproteguh.

51.6.04 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri staqsiet fuq it-traffic lights ta' Triq Ġorġ Borġ Olivier għax ilhom mitfijin. Hija ġie nfurmata li min-naħa tal-Kunsill irrapurtajnihom diversi drabi.

**51.7 Talbiet żgħar**

**51.7.01 Email mingħand Transport Malta dwar il-parkeggi tal-GoTo (Inc. 35505/23 & 35512/23);**

51.7.01.01 Dawn għalissa ma jistgħux jitneħħew.

**51.7.02 Talba dwar it-tieni ktieb tar-Rahal t'Isfel (Inc. 35692/23)**

51.7.02.01 Il-Kunsill qabel li nerggħu nagħu sitt kotba lill-Iskola Primarja San Ġiljan bħal ma għamilna bl-ewwel ktieb. Għaldaqstant ser ikunu qed jinxtraw sitt kotba tat-tieni ktieb.

**51.7.03 Email b'suggeriment dwar it-*telephone box* fil-Balluta (Inc. 35769/23)**

51.7.03.01 Filwaqt li l-proposta hija waħda tajba u interessanti, il-Kunsill ser ikun qiegħed jiddiskuti il-manutenzjoni tat-telephone box.

**51.7.04 Email dwar espressjoni ta interess – Zvilupp u Titjib ta' Latrini Pubblici Awtomatici (Inc. 36008/23)**

51.7.04.01 Il-Kunsill qabel li naċċettaw din it-talba u ninfurmawhom li għandna żewġ latrini pubbliċi.

**51.7.05 Email dwar Explore Malta app (Inc. 36021/23)**

51.7.05.01 Din għandna ngħadduha għal-attenzjoni tar-Regjun Lvant.

**51.7.06 Email dwar il-Wooden Bin Structure (Inc. 36059/23)**

51.7.06.01 Din inqrat għal-attenzjoni tal-Kunsill imma tajjeb li wieħed jikkunsidra.

**51.7.07 Proposta għal outdoor gym f'San Ġiljan (Inc. 36170/23 & 36316/23)**

51.7.07.01 Il-Kunsill ħareġ b'żewġ proposti, li huma, fejn il-Banis u il-Bajja ta' San Ġorġ.

**51.7.08 Email dwar Triq il-Qalb Mqaddsa u Triq Birkirkara (Inc. 36173/23)**

51.7.08.01 Il-Kunsill ser jgħaddi dan is-suggeriment lit-Transport Malta. Punt li ħareġ min hawn kien li ċ-Ċermen informa lil Kunsill li bagħatna lil Lands Authority dwar xi ħajt perikoluż fi Triq il-Karmnu kantuniera ma' Triq Sant' Anglu. Wieġbu li l-Kunsill irid jimla formola imma sakemm issir din huma jkunu ġa avżati.

**51.7.09 Proposta biex tigi rrangata l-bankina quddiem U Bistrot fi Triq Ċensu Tabone (Inc. 36179/23)**

51.7.09.01 Din għandna naċċettawha imma bl-ispejjez għalihom bil-kundizzjoni li jagħmlu kollox kif kien.

**51.7.10 Talba għall-użu tal-Ground (Inc 36258/23);**

51.7.10.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li niltaqaw miegħu jew iċċempilu ċ-Ċermen.

**51.7.11 Ċirkulari mill-Asocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar l-ECAD Membership 2023 (Inc. 36307/23);**

**51.7.11.01** Il-Kunsill ser ikun qiegħed jiċċekja x'inhi eżatt.

51.7.12 Talba ghal kollaborazzajoni mal-Kunsill biex isir program ta mużika b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali San Ġiljan (Inc. 39175/23);

51.7.12.01 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel li jingħataw il-finanzjament. Il-Kunsill qabel ukoll li għal din is-sena it-tlett baned ser ikunu qed jingħataw l-ammont ta' €1,500 kull wieħed bħas-sena l-oħra. Din għandha tiġi reveduta kull sena.

51.7.13 Fir-rigward il-proġett ta' slow street signs, iċ-Ċermen ser ikun qiegħed jiltaqa' mal-Kunsillier Martin Sultana u jiddiskutuha. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat li din għandha ssir mill-aktar fis possibli minħabba li għandna *deadline*.

51.7.14 Fir-rigward it-talba li l-Kunsill irċieva dwar attivita' ta' sport matul is-sajf fil-baħar, il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li din issir dment jekk dan ikun qiegħed jostakola lill xi ħadd il-permess jiġi null filwaqt li l-applikant għandu jkollu l-permessi kollha neċessarji.

**51.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

51.8.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5873 sa 5882. (Ara Appendiċi 'A')

51.8.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**51.9 Skeda tal-Pagamenti**

51.9.01 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B')

51.9.02 Iċ-Ċermen Guido Dalli ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

51.9.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu fl-approvazzjoni.

**51.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

51.10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar it-Tlieta 28 ta' Marzu 2023 fil-5.00p.m.

51.10.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Cher Carmen Fenech**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 28 ta' Marzu 2023